

Brussell, 1 ta' April 2019  
(OR. en)

---

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2014/0023(NLE)**  
**2014/0029(NLE)**

---

---

8029/1/19  
REV 1

**AVIATION 71**  
**CDN 2**  
**RELEX 319**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea – Adozzjoni

---

1. Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Kanada huwa r-riżultat tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi hndan il-Kunsill sabiex jiftħu negozjati mal-Kanada dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru. Intlaħaq qbil dwar il-mandat fit-2 ta' Ottubru 2007.
2. Wara li n-negozjati ġew konklużi b'suċċess, id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi hndan il-Kunsill dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ġiet adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2009.

3. Il-Ftehim ġie ffirmat fis-17-18 ta' Diċembru 2009, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-6 ta' Awwissu 2010<sup>1</sup>.
4. Sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill fit-3 ta' Frar 2014. Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Kanada fit-8 ta' Ottubru 2014 u l-Protokoll għall-adeżjoni tal-Kroazja ġie ffirmat fis-27 ta' Jannar 2017 fi Brussell.
5. Fil-21 ta' Frar 2017, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz emendat ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument Ġ/L id-dokument 12256/14 + COR 1 (cs) + COR 2 (es), kif ukoll it-test tal-Protokoll kif jinsab fid-dokument Ġ/L id-dokument 12255/14, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
6. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll fit-12 ta' Settembru 2018.
7. Għaldaqstant, il-Coreper huwa mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 12256/14 + COR 1 (cs) u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadottah sabiex ikun jista' jiġi konkluż il-Protokoll.

---

<sup>1</sup> ĠU L 207, 6.8.2010, p. 30.